# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' Frar 2024**

**Rikors Numru 54/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dr Tonio Azzopardi bħala mandatarju speċjali ta' Emanuel Beck u dan kif indikat f'digriet tal-1 ta' Frar 2017.**

**Vs**

**Avukat Ġenerali u Marita Beck, personalment u okkorrendo għan-nom ta' uliedhom minuri.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Ġunju 2015, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

*Illi r-rikorrent huwa persuna b'diżabilta' serja f'għajnejh u qed jirċievi kura fl- Ingilterra f'Moorfields Eye Hospital.*

*Illi fl-24 ta' Mejju 2007 l-intimata Marita Beck ippreżentat kawża ta' separazzjoni personali quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) — Rikors Ġuramentat 227/2007 JA fl-ismijiet "Marita Beck pro et noe vs. Emanuel Beck".*

*Illi mill-bidu nett tal-kawża, b'digriet tat-13 ta' Lulju 2007, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat lir-rikorrent joħroġ mid-dar matrimonjali, li hija proprejta' parafernali esklussivament tiegħu, u dan stante li Marita Beck allegat li kien hemm vjolenza da parti tiegħu, akkuża li huwa dejjem ċaħad. Inoltre, l-istess Qorti neħħietlu l-kura u kustodja ta' uliedu.*

*Illi ġara li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lir-rikorrent mhux ħati ta' vjolenza u, fi proċeduri separati, sabet lil Marita Beck ħatja ta' vjolenza domestika fuq ir-rikorrent u kkundannatha. Konsegwentement, Marita Beck kienet akkużatu falzament bi vjolenza sabiex huwa jiġi ordnat joħroġ 'il barra mid-dar matrimonjali.*

*Illi meta dawn is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati ġew ippreżentati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex hija tħassar l-ordni li Marita Beck kienet induċietha tagħti b'riżultat ta' falza testimonjanza, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) irrifjutat li tħassar l-ordni dwar it-tneħħija tal-kura u kustodja u biex ir-rikorrent joħroġ mid-dar matrimonjali minħabba vjolenza, avolja d-dar tappartjeni lilu biss. Dan ġara stante li l-Imħallef li ppresjeda fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma kienx imparzjali iżda kien biased favur l-attriċi u kontra r-rikorrent. Kważi kull rikors li sar mir-rikorrent fil-kawża ta' separazzjoni ġie miċħud, filwaqt li kważi kull rikors li sar minn Marita Beck ġie milqugħ.*

*Illi fil-frattemp fil-11 ta' Lulju 2008 ir-rikorrent ippreżenta kawża Ċivili (Rikors Ġuramentat numru 695/2008) biex Marita Beck tiġi żgumbrata mill-proprjeta' tiegħu, iżda b'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2010 fl-ismijiet "**Emanuel sive Eman Beck vs. Maria Rita sive Marita Beck**" il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li minħabba d-digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) biex Marita Beck tibqa' tabita fid-dar tar-rikorrent, ma setgħetx tordna l-iżgumbrament tagħha għaliex hija kellha titolu validu biex tibqa' tabita fid-dar tar-rikorrent ukoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet iddikjarat lilha ħatja ta' vjolenza filwaqt li hu kien ġie misjub mhux ħati ta' vjolenza:*

> *"Fl-ewwel lok, din il-Qorti diġa' fissret il-fehma tagħha li m'hijiex fis-setgħa tagħha li tiddelibera u tqis jekk kemm-il darba r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja biex tagħti d-degriet tagħha kinux jiswew jew għadhomx jiswew. Anqas u anqas ma għandha s-setgħa li tħassar hi dak id-digriet. Fit-tieni lok, minkejja li d-digriet huwa wieħed interlokutorju u pendente lite, jagħti titolu li jibqa' jgħodd sakemm l-istess digriet ma jitwaqqax jew sakemm ma jitħassarx."*

*Illi din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tas-6 ta' Frar 2015 li wkoll ċaħdet it-talba għall-iżgumbrament minħabba l-imsemmi digriet tat-13 ta' Lulju 2007 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li hija rrifjutat li tħassar minkejja s-sentenzi kuntrarji għat-testimonjanza falza ta' Marita Beck. B'hekk ir-rikorrent baqa' mingħajr il-kura u kustodja ta' uliedu u baqa' ma setax jidħol lura fil-proprjeta' tiegħu stess.*

*Illi fil-frattemp, fil-kawża ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal- Familja), sar magħruf illi Marita Beck ftit li xejn kienet qiegħda tabita fid-dar matrimonjali, tant illi l-ġirien ġabu 1-awtoritajiet tas-Saħħa biex jeħilsuhom mill-infestazzjoni tal-ġrieden fil-proprjeta' tar-rikorrent.*

*B'danakollu, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) xorta rrifjutat li tħassar l-ordni preċedenti tagħha.*

*Illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tintervjeni fl-interess ta' l-ulied anki meta rriżulta li ż-żewġ uliedu ġew misjubin ħatja b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Minorenni ta' vjolenza fuq l-istess rikorrent missierhom wara li l-Pulizija stabbiliet minn CCTV footage illi huma bdew jisparaw oġġetti b'catapults immirati lejn għajnejn missierhom; u anki meta rriżulta li omm Marita Beck, Catherine Schembri, xehdet illi lil Eman Beck tridu mejjet.*

*Illi l-Avukat Dr Anna Mallia li kienet qed tippatroċina lir-rikorrent għalxejn talbet ir-rikuża ta' l-Imħallef, talba li reġgħet saret mill-avukat li beda jippatroċina lir-rikorrent warajha u ġiet ukoll respinta. Inoltre, ir-rikorrent ressaq żewġ ilmenti quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kontra l-Imħallef li kien qed jippresjedi fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iżda l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni biex tipprovdi ħarsien tal-liġi lir-rikorrent.*

*Illi permezz ta' rikors ippreżentat f'Mejju tas-sena 2013 ir-rikorrent iddikjara hekk:*

1) *Wara li l-manteniment kien ġie sospiż minn din l-Onorabbli Qorti stess, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat il-ħlas tal-arretrati lill-attriċi.*
2) *Meta l-kawża kienet differita għal ċertu ħin, issejħet qabel u ntlaqgħet it-talba tal-mara għall-ħlas tal-arretrati.*
3) *Meta l-esponent ippreżenta rikors biex jgħid li dan kien mod irregolari, din l-Onorabbli Qorti reġgħet irrevokat l-ordni maħruġ minnha.*
4) *Meta l-avukat difensur tal-attriċi għamel sempliċi talba verbali biex jiġi revokat id-digriet tat-18 ta' Diċembru 2012, din l-Onorabbli Qorti, mingħajr ma semgħet lin-naħa tal-konvenut, laqgħet it-talba dak il-ħin stess.*
5) *Meta l-attriċi f'erba' okkazzjonijiet konsekuttivi kellha tressaq lill-Perit Tekniku 1-AIC Alan Saliba biex jixhed, dan naqset li tagħmlu.*
6) *Meta hija reġgħet talbet aktar żmien biex tressaq lil dan ix-xhud u l-esponent oppona, it-talba tagħha xorta waħda ġiet milqugħa.*
7) *Meta fis-seduta tas-26 ta' April 2013 l-attriċi kellha l-aħħar opportunita' biex tressaq lill-Perit Tekniku in eskussjoni, reġgħet naqset li tagħmel dan.*
8) *Minflok ma nstema' l-Perit Tekniku fis-seduta tas-26 ta' April 2013, l-avukat difensur tal-attriċi ħareġ bis-sorpriża tat-talba għar-revoka u din intlaqgħet.*
9) *Meta saret talba seduta stante dwar id-dar matrimonjali li tappartjeni lill-esponent u qegħdin jabitaw fiha kolonja ta' ġrieden, din ġiet injorata.*
10) *Meta sar rikors dwar id-dar matrimonjali li l-esponent qed jiġi pprivat minnha avolja l-kontijiet tal-ilma juru li l-attriċi u t-tfal*

*mhumiex jabitaw fiha, ma ttieħdu l-ebda passi minn din l-Onorabbli Qorti.*

11) *Meta l-attriċi kienet għalqet il-provi tagħha żmien ilu, il-Qorti reġgħet ħalliet il-kawża biex l-attriċi tkompli tressaq aktar provi.*

*Illi l-esponent umilment jiddikjara li onestament ma jistax jifhem kif qiegħda titmexxa dina l-kawża.*

*Illi l-esponent umilment jiddikjara li jistenna lil din l-Onorabbli Qorti tirrikonoxxi li naqset milli timxi b'mod 'fair' u allura tastjeni milli tkompli tisma' dina l-kawża.*

*Illi dak li qed iseħħ mhuwiex aktar aċċettabbli għall-esponent u allura huwa ser jipproċedi b'kull mezz li tagħtih il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti ma tkomplix tmexxi qisu l-attriċi biss għandha drittijiet filwaqt li hu m'għandu l-ebda drittijiet.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tastejni milli tkompli tisma' l-kawża u, fin-nuqqas li tagħmel dan, qiegħed jissolleva l-eċċezzjoni tar-rikuża, u, fin-nuqqas li din tiġi milqugħa, huwa ser jipproċedi skont il-liġi għall-ħarsien tad-drittijiet tiegħu."*

*Illi 1-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet it-talba tar-rikorrent.*

*Illi fl-imsemmija kawża ta' separazzjoni personali, ir-rikorrent ma kellux smiegħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali u fi żmien raġonevoli kif garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).*

*Illi fil-21 ta' Marzu 2014 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ppronunzjat is- sentenza fil-proċeduri tas-separazzjoni fil-prim istanza.*

*Illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Din hija silta mir-rikors tal-appell tiegħu:*

1. *X'riflessjoni tista' tagħmel qorti imparzjali dwar it-trobbija li Marita Beck u ommha Catherine Schembri taw liż-żewġ ulied, meta omm l-attriċi tant tobgħod lill-esponent li tixtiequ mejjet? Qorti imparzjali kienet immedjatament tneħħi l-kura u kustodja taż-żewġ ulied lill-attriċi. Kienet tara li s-social workers jissorveljaw l-andament taż-żewġ ulied u jekk hemm bżonn jinħareġ Care Order, ladarba l-attriċi għamlithom vjolenti bħalha. Minflok, bl-ikbar rispett lejha, l-Ewwel Qorti, il-Qorti tal-Familja, naqset li tordna l-miżuri li dawn iż-żewġt itfal kienu jeħtieġu għat-trobbija xierqa tagħhom. Barra minn hekk, Qorti imparzjali kienet tħares lejn il-provi miġjuba kontra l-attriċi Marita Beck, tara x'irrelatat is-Social Worker Therese Micallef fl-aħjar interess tat-tfal, u tordna li d-dar matrimonjali tiġi vakata u l-pussess jingħata lura lill-proprjetarju, l-esponent Eman Beck.*

2. *Illi waqt li l-attriċi, bl-approvazzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Familja, kellha l-kura u kustodja esklussiva ta' uliedu, ibnu Kenneth ta' tlettax-il sena kien qed jiffrekwenta grupp ta' żgħażagħ ta' eta' akbar u dawn kienu qegħdin jitlajjaw f'ċertu post u hemmhekk kienu qegħdin isiru atti libidinużi u ta' xorta sewwali varji. Il-Qorti tal-Familja normalment kienet tieħu passi immedjati dwar dan. Iżda fil-każ preżenti, l-esponent għalxejn ġab dan għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Familja. Din baqgħet tagħti affidament sħiħ u sostenn anke finanzjarju bi flus l-esponent lill-attriċi. Wieħed mill-persuni li mar jinforma lill-esponent dwar il-presenza ta' ibnu fost dan il-grupp ta' żgħażagħ saħansitra avviċina lit-tifel biex iwiddbu ħalli ma jkomplix jagħmilha magħhom. Almenu dan ir-raġel ta' kuxjenza jista' jgħid li hu l-parti tiegħu għamilha.*

3. *L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata la ssemmi r-rapport tas-Social Worker Therese Micallef u lanqas ir-rapport tac-Child Psychologist Veronica Ellul, u tillimita ruħha għal ħwejjeġ pekunjarji u immobbiljari. Is-Social Worker Therese Micallef qalet fir-rapport tagħha li uliedu kienu qegħdin jiġu influwenzati min-nanniet materni. X'miżuri ħadet il-Qorti tal-Familja? Iċ-Child Psychologist Veronica Ellul qalet fir-rapport tagħha li jeżistu problemi serji, waħda minnhom illi iben l-esponent, Kenneth, qalilha li jixtieq iniffed lil missieru u joqtlu. Meta hi qaltlu li jekk jagħmel hekk imur il-ħabs, Kenneth kompla jgħidilha li jkun iktar kuntent jekk imur il-ħabs wara li jniffed lil missieru u joqtlu. Dan huwa diskors li jkexkex. Iżda x'passi ħadet il-Qorti tal-Familja?*

4. *L-esponent ressaq bosta talbiet biex il-kura u kustodja tat-tfal tingħata lilu peress li hu kien qed jara li t-tfal kienu qegħdin jitrabbew mingħajr valuri u b'ħafna mibegħda ġewwa fihom - affarijiet li l-Qorti tal-Familja ma setgħetx tara. Iżda minkejja r-rapporti tas-Social Worker li jgħidu ċar u tond li t-tfal ma kinux qegħdin tajjeb, il-Qorti tal-Familja baqgħet ma għamlet xejn. Issa t-tfal jinsabu rovinati u s-sitwazzjoni ma tistax titreġġa' lura. Claudia u Kenneth huma ulied l-esponent daqskemm huma ulied Marita Beck. U issa?*

5. *Għalhekk, l-esponent permezz ta' dan ir-rikors ta' l-appell tiegħu qed jilmenta dwar abbandun komplet u falliment f'dina l-kawża. L-arranġamenti li ġew ordnati mill-Ewwel Qorti kienu ta' dannu enormi għat-tfal. Intilfu ħafna opportunitajiet biex issir xi ħaġa rimedjali tempestivament, u l-ħtija mhix tiegħu iżda ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, X'passi ħadet il-Qorti tal-Familja meta fix-xiehda tagħha omm l-attriċi, Catherine Schembri, qalet fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2009, illi li kien għaliha, titfa' lill-esponent minn fuq il-bejt għal isfel? L-unika 'miżura' meħuda mill-Qorti tal-Familja wara s-smigħ ta' dina x-xhieda ta' xejra tassew vjolenti, li għandha impatt dirett fuq it-trobbija taż-żewġ uliedu, kienet li tħalli lil Catherine Schembri tkompli tabita fid-dar li tappartjeni lil Eman Beck! Bintha stess qalet li ommha tabita magħhom. Dan anke wara li Marita Beck instabet ħatja ta' vjolenza mill-Qorti tal-Maġistrati (din id-darba l-Magistrat Dr. Anthony Vella) u wara li uliedhom instabu ħatja ta' vjolenza mill-Juvenile Court. Jeħtieġ li sseħħ xi traġedja fil-konfront ta' l-esponent biex tittieħed azzjoni mill-Qorti tal-Familja?*

*F'parti oħra tar-rikors tal-appell intavolat minnu, ir-rikorrent jilmenta -*

> *"Meta saru dawn l-iżbanek awtorizzati mill-Qorti, l-esponent kien qed jgħix biss minn invalidity pension! Barra minn hekk, l-attriċi għandha salarju ta' €1,400 fix-xahar. Peress li kienet impjegata ma' HSBC Bank Malta plc, hija rċeviet somma - €39,028.86 - meta ħadet l-Early Retirement.*
>
> *L-attriċi żbankat ammont ta' 26 xahar manteniment - meta l-manteniment kien ġie mwaqqaf fuq ordni tal-Qorti. Żbankat €15,993.50 "bħala spejjeż ta' manteniment"! Fiċ-Ċedola 1445/2007 kien hemm €30,028.86 meta ġew żbankati €15,993.50. Meta wieħed jara x'sar mill-flus, wieħed isib li ma fadal xejn. Fir-Risposta tagħha datata 21 ta' Frar 2013 l-attriċi Marita Beck innifsha tgħid hekk:*
>
>> *Illi jiġi rilevat illi s-somma ta' €24,993.29 huwa sehem l-esponenti mill-imsemmija ċedola, liema somma ġiet żbankata fl-4 ta' Mejju tas-sena 2012.*
>>
>> *Illi permezz ta' rikors datat 5 ta' Lulju 2012 l-esponenti talbet sabiex is-somma rimanenti ta' €14,591.47 tmur fl-intier tagħha għall-manteniment tat-tfal.*
>>
>> *Illi permezz ta' digriet datat 6 ta' Settembru 2012 il-Qorti laqgħet parzjalment it-talba ta' l-esponenti u ġiet awtorizzata tiżbanka s-somma ta' €7,800, liema somma ġiet żbankata fis-16 ta' Novembru 2012.*
>>
>> *Illi fl-imsemmija ċedola baqa' bilanċ ta' €5,009 li għandu wkoll jiġi żbankat mill-esponenti sabiex tissalda l-manteniment tat-tfal minorenni.*
>>
>> *Illi din l-Onorabbli Qorti filwaqt li għandha tiċħad ir-rikors intavolat minn Emanuel Beck tat-12 ta' Frar 2013 għandha tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-5 ta' Lulju 2012 b'dan illi jiġi żbankat il-bilanċ ta' €5,009.16.*
>
> *Imbagħad, b'rikors tat-2 ta' Mejju 2013 Marita Beck reġgħet talbet biex tiżbanka minn dina ċ-Ċedola l-aħħar ħamest elef euro:*
>
>> *Illi l-ammont rimanenti f'ċedola numru 1445.2007 jammonta għal €5009.16.*
>>
>> *Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza lill-attriċi tiżbanka s-somma rimanenti ta' €5009.16, salv kundizzjonijiet oħra xierqa u opportuni*
>
> *"Akkordat" qalet il-Qorti tal-Familja l-għada stess 3 ta' Mejju 2012.*

*M'hemmx bżonn notifika lill-konvenut, u audi alteram partem?"*

*Illi skont is-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), kont bankarju li r- rikorrent wiret mingħand ommu Sylvia Beck, kwindi proprjeta' parafernali, għandu jinqasam.*

*Illi wara li r-rikorrent kien intavola l-appell tiegħu mis-sentenza, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li kienet ġia' ppronunzjat is-sentenza tagħha fil-21 ta' Marzu 2014, laqgħet rikors ieħor ta' Marita Beck fejn, din id-darba, hija talbet li jinbidlu radikalment ċifri ta' flus imsemmija fis-sentenza u li ssir "korrezzjoni" b'dan il-mod. Dan permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2014:*

> *"Il-Qorti;*
> *Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fit-3 ta' April 2014;*
> *Rat l-Art. 825(1) u (2) tal-Kap. 12;*
> *Peress li l-iżball lamentat mir-rikorrenti jirriżulta u ma hemm xejn li jżomm lil din il-Qorti milli taderixxi għat-talbiet;*
> *Tilqa' l-istess talbiet u tordna l-korrezzjoni mitluba.*
> *Spejjeż bla taxxa."*

*Illi l-appell ġie appuntat għas-smiegħ għas-seduta tas-27 ta' April 2015.*

*Illi kif jirriżulta mill-verbal ta' dakinhar, it-terminu għall-ħlas tal-kawtela, minflok ma ġie ffissat "sa mhux aktar tard minn jumejn qabel id-data tas-smiegħ tal-appell" kif hemm stampat fuq l-avviżi għall-ħlas tal-kawtela, ġie ffissat għal ġimgħa qabel id-data tas-smiegħ tal-appell, jiġifieri sal-25 ta' Mejju 2015 meta l-appell kellu jinstema' fl-1 ta' Ġunju 2015.*

*Illi la fis-seduta meta d-difensur tiegħu ntalab mill-Qorti tal-Appell jagħti ruħu b'notifikat bl-avviż tas-smiegħ u bil-kawtela, u lanqas fiż-żmien sussegwenti ma ġie komunikat lilhom kemm hu l-ammont tal-kawtela; u meta d-difensur tar-rikorrent staqsa permezz ta' email datata 21 ta' Mejju 2015 indirizzata lill-ogħla uffiċjal amministrattiv tal-Qorti tal-Appell, Rita Falzon, dwar il-kawtela, l-imsemmija Deputat Reġistratur tal-Qorti tal-Appell ma weġbitux. Meta ra hekk, id-difensur tar-rikorrent ittelefonalha direttament biex jerġa' jistaqsiha għat-tieni darba, u ġie nfurmat li t-terminu għall-ħlas tal-kawtela ammontanti għal EUR 4,800 kien skada l-jum ta' qabel.*

*Illi r-rikorrent ippreżenta rikors minnufih u annetta l-email tiegħu lid-Deputat Reġistratur tal-Qorti tal-Appell u sostna li l-kwistjoni li r-rikorrent abbanduna l-appell tiegħu ma tistax tqum għaliex il-provi kienu juru l-kuntrarju, u ċioe' li hu ried jissokta bl-appell. Barra minn hekk, huwa talab estensjoni taż-żmien biex jara kif jista' jagħmel biex jipprova jġib is-somma ta' EUR 4,800 peress li hu ma jaħdimx minħabba d-diżabilta' serja f'għajnejh kif ukoll okkorrendo biex jiġi ammess għall-'cautio juratoria'.*

*Illi minkejja dawn iċ-ċirkostanzi ċari, fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2015, il-Qorti tal-Appell iddikjarat id-deżerzjoni tal-appell tar-rikorrent. B'dan il-mod, il-Qorti tal-Appell ma kellhiex għalfejn tisma' u tiddeċiedi l-appell tar-rikorrent*

*ibbażat primarjament fuq in-nuqqas ta' imparzjalita' ta' Imħallef ieħor li wkoll regolarment jifforma parti mill-Qorti tal-Appell.*

*Illi b'hekk mhux biss ġie vvjolat il-prinċipju tal-ġustizzja naturali nemo judex in causa propria, iżda kien hemm 'bias' kontra r-rikorrent peress li, fid-data meta ntbagħtet it-talba permezz ta' email lid-Deputat Reġistratur biex jiġi indikat l-ammont tal-kawtela (fiż-żmien meta l-proċess ikun tela' fis-sigrieta tal-Qorti tal-Appell), it-terminu kien għadu għaddej biex tkun tista' titħallas il-kawtela, avolja dan it-terminu ma kienx dak solitu stampta fuq l-avviżi iżda kien wieħed akkorċjat.*

*Illi wkoll fl-istadju tal-appell ir-rikorrent ma kellux smiegħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali.*

*Illi r-rikorrent sofra vjolazzjonijiet tad-dritt għal smiegħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli kif garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319), u dan fiż-żewġ istanzi.*

*Illi r-rikorrent sofra vjolazzjoni ċara tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) in kwantu 1-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset ripetutament li tintervjeni fl-interess tiegħu u tat-tfal tiegħu biex ma jkomplux jiġu brainwashed kontra tiegħu u rrifjutat li tagħtih il-kura u kustodja ta' uliedu u inoltre pprivatu milli jkollu relazzjoni normali ma' uliedu, speċjalment (iżda mhux limitatament b'hekk biss) billi ħalliet illi terza persuna (Catherine Schembri) tivvelena moħħ iż-żewġ uliedu tant li ibnu minuri ried iniffdu u kien lest imur il-ħabs għalhekk.*

*Illi r-rikorrent sofra u qiegħed isofri vjolazzjoni tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta' tiegħu garantit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) minħabba li ġie mċaħħad u għadu qed jiġi privat mid-dar "Edelweiss", Carini Street, Santa Venera, u dan avolja lil Marita Beck il-marixxalli tal-Qorti qatt ma jsibuha hemm meta jmorru biex jinnotifikawha f'dak l-indirizz, kif jirriżulta mir-riferti fiż-żewġ kawżi.*

*Illi in kwantu la l-eċċezzjoni ta' rikuża sollevata darbtejn minnu, u lanqas iż-żewġ ilmenti lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma servew biex ir-rikorrent jingħata l-ħarsien tal-liġi minn din l-istituzzjoni ta' l-Istat, ir-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, kif garantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha toħroġ dawk l-atti, tagħmel dawk l-ordnijiet u tagħti dawk id-direttivi sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tiegħu; tiddikjara li huwa sofra leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali tiegħu; tordna li l-appell tiegħu fil-kawża numru 227/2007 jerġa' jitqiegħed fuq il-lista u effettivament jinstema' u jiġi deċiż stante illi li l-kwistjoni ta' abbandun ta' l-appell ma tistax tqum galadarba teżisti prova ċara li r-rikorrent ried li l-*

*appell tiegħu jinstema' u jiġi deċiż; u fl aħħarnett tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq għall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fl-24 ta' Ġunju 2015, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

*Illi in succinct ir-rikorrent qiegħed jattakka l-proċess kollu kemm hu tal-kawża fl-ismijiet Marita Beck pro et noe vs. Emanuel Beck deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-21 ta` Marzu 2014 minħabba allegazzjoni ta` nuqqas ta` imparzjalita` u indipendenza tal-Imħallef li ppresjeda l-każ u li dan wassal sabiex r-rikorrent ma kellux smiegħ xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 6, allegat ksur tad-dritt għall-ħajja privata skond l-artikolu 8, allegat nuqqas ta` rimedju skond l-artikolu 13 u ksur l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-esponenti jirrespinġi dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jiġi spjegat aktar ' l isfel, bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.*

***<u>Nuqqas ta` Eżawriment ta` Rimedju Ordinarju</u>***

*Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċċepixxi li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi. Il-prinċipji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta` rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta` Malta. Fihom insibu speċifikat li l-qorti b`kompetenza kostitutuzzjonali għandha tirrifjuta milli tinqeda b`dawn is-setgħat speċjali mogħtija lilha mil-liġi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta` rimedju taħt il-liġi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.*

*Illi l-esponent jirrileva li r-rimedju li kellu r-rikorrent kien mhux biss li jintavola appell mil-kawża Marita Beck pro et noe vs Emanuel Beck (227/07JA) iżda wkoll li jkompli juri interess fil-kawża u jagħmel dak li teħtieġ il-liġi sabiex ikun hemm prosegwiment u deċiżjoni finali mill-Qrati. Għalkemm jirriżulta li r-rikorrent effettivament intavola appell mill-kawża imsemmija, dan l-appell ġie ddikjarat deżert mill-Qorti tal-Appell fil- 1 ta` Ġunju 2015 u dan unikament minħabba nuqqas ċar tar-rikorrent stess li ma ħallasx il-kawtela skond il-liġi. Għalhekk ir-rikorrent naqas milli juża rimedju ordinarju effettiv.*

*Illi proċeduri ta' bixra straordinarja bħalma huma kawżi kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex jieħdu post il-proċeduri ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament. Inkella minflok inmorru quddiem il-Bordijiet jew il-Qrati tal-Appell nibdew nipproċedu mill-ewwel quddiem il-Qrati Kostituzzjonali – ħaġa li tmur lil hinn mill-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini*

*tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta stante l-eżistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju.*

***Allegazzjoni ta` Nuqqas ta` Imparzjalita` u Indipendenza tal-Imħallef bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent qed jilmenta li minħabba nuqqas ta` imparzjalita` tal-Imħallef hu ma kellux smiegħ xieraq u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-esponent jibda biex jirrileva li l-allegazzjonijiet u l-insinwazzjonijiet kollha li għamel ir-rikorrent fir-rikors promotur huma infondati u jrendu din il-kawża frivola u vessatorja. L-argument tar-rikorrent huwa li l-Imħallef li ppresjeda l-kawża kien "biased" sempliċement għaliex ċaħadlu kull rikors li għamel waqt il-kawża! Għalkemm m`huwiex minnu li l-Qorti ċaħditlu kull rikors li għamel, anke kieku stess ġara hekk, dan assolutament ma jfissirx li hemm leżjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa evidenti li r-rikorrenti qed juża l-proċeduri odjerni biex jerġa' jiftaħ mill-ġdid il-mertu tal-kawża dwar separazzjoni personali biex b`hekk juża din l-Onorabbli Qorti bħala Qorti tat-tielet appell. Ħaġa li ma tistgħax issir. Minn eżami tal-atti proċesswali insibu li din il-kawża hija karatterizzata minn numru impressjonanti ta` rikorsi li għamel ir-rikorrent stess liema rikorsi kienu intiżi prinċipalment biex jirrevokaw jew ivarjaw digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar żgumbrament tar-rikorrent mid-dar matrimonjali pendente lite u sabiex l-intimata Marita Beck tiżbanka flejjes depożitati l-Qorti. Kull darba li sar rikors fl-atti tal-kawża, l-Onorabbli Qorti dejjem tat l-opportunita` lill-partijiet issemmgħu leħinhom. Saħansitra, r-rikorrent fetaħ kawża fl-ismijiet Emanuel Beck vs. Marita Beck numru 695/08JRM fejn talab il-Qorti tordna l-iżgumbrament ta` martu mill-fond matrimonjali. Din it-talba ġiet miċħuda kemm mill-Qorti tal-Ewwel Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell.*

*Illi ċertament minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li r-rikorrent ingħata kull opportunita` li jġib il-każ tiegħu l-quddiem, tħalla jippruduċi l-provi kollha li ħass li kellu jipproduċi u għamel s-sottomissjonijiet tiegħu tramite l-avukat ta` fiduċja tiegħu.*

*Minn qari tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta` Marzu 2014 joħroġ ċar li dik l-Onorabbli Qorti għamlet evalwazzjoni sħiħa u dettaljata tax-xhieda u tal-provi li tressqu u ma hemm l-ebda indikazzjoni li ċertu konklużjonjiet li wasslet għalihom kienu motivati minn nuqqas ta` imparzjalita`. Addirittura r-rikorrent qed jallega li meta appella minn din is-sentenza anke l-Qorti tal-Appell kienet biased tant li ma riditx tisma' l-appell tiegħu! Din hija għal darb' oħra insinwazzjoni fiergħa u bla bażi.*

*Illi aktar minn hekk, ir-rikorrent fir-rikors promotur ma jindika mkien li b`xi mod l-Imħallef kien oġġettivament jew suġġettivament "biased". Il-fatt waħdu li Qorti ma taqbilx ma` teżi ta` parti f`kawża bil-konsegwenza li t-*

*talbiet ta` dik il-parti ma jintlaqgħux bl-ebda mod ma jissarraf fi ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq.*

*Illi r-rikorrent qed jilmenta wkoll mill-fatt li l-Imħallef li ppresjeda l-kawża ta` separazzjoni ma rrikużax ruħu meta ġie mitlub jagħmel hekk. Il-liġi hija ċara dwar meta Imħallef għandu jirrikuża ruħu u dan ai termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12. Anke hawn l-esponent jgħid li r-rikorrent ma ressaq l-ebda raġuni valida sabiex l-Imħallef jirrikuża ruħu mill-kawża.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

***Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent qed jilmenta ukoll li sofra leżjoni tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għaliex skond hu l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-interessi tat-tfal meta tat il-kura u l-kustodja tagħhom lil Marita Beck.*

*L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid is-segwenti:*

> *(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2)Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

*Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Diċembru 2007 fil-kawża Dickson vs UK il-Qorti Ewropeja qalet hekk – The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Għalhekk l-indħil mill-awtorita` pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art.8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs l-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).*

*Dwar dan jingħad li jekk kien hemm allontanament mit-tfal minn ma` missierhom dan żgur ma kienx minħabba nuqqas jew interferenza tal-Qorti iżda minħabba l-imġieba u l-influwenza negattiva li kellu r-rikorrent fuq it-tfal tiegħu. Meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, hija l-Qorti li għandha tiddetermina l-kura u l-kustodja tat-tfal fi proċeduri ta` separazzjoni billi tissalvagwardja primarjament l-aħjar interessi tat-tfal. F`dan il-każ ma hemmx dubju li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha inkluż l-opinjoni ta` professjonisti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha li tati l-kustodja tal-ulied lil Marita Beck.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Ir-rikorrent qed jallega ksur tat-tgawdija paċifika tal-proprjeta` tiegħu garantit mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-esponent jirrileva li r-rikorrent ma jgħidx kif allegatament ġie leż dan id-dritt u peress li dan l-ilment huwa redatt fl-astratt, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mistiedna li tiskartah u ma tieħux konjizzjoni tiegħu.*

*Ill fi kwalsiasi każ u biex l-argument ikun sħiħ mill-perspettiva tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-intimat isostni kategorikament li ma kien hemm l-ebda ċaħda inġustifikata mid-dar matrimonjali. Il-mertu dwar din il-kwistjoni jitqies issa li huwa wieħed eżawriet u f`dan is-sens l-esponent jagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Beck vs. Maria sive Marita Beck deċiża fis- 6 ta` Frar 2015.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent qed jallega li ġie vjolat l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-Imħallef ma rrikużax ruħu u għaliex l-ilmenti li għamel quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma servew għalxejn.*

*Illi dwar il-kwistjoni tar-rikuża tal-Imħallef terġa' ssir referenza għall-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta. Huwa dan l-artikolu li jistabilixxi f`liema ċirkostanzi Imħallef għandu jirrikuża jew jastjeni milli joqgħod f`kawża. Ċertament ir-rikorrent ma jistgħax iġiegħel bilfors Imħallef jirrikuża ruħu u joqgħod issabbat saqajh jekk ma jiġriex kif jgħid hu.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fl-4 ta' Novembru 2015, l-intimata Marita Beck ippreżentat ir-risposta tagħha, fejn laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi l-esponenti qiegħda bil-preżenti risposta tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamental tar-rikorrenti.*

***1. Leġittimu Kontradittur***

*a. Illi in linea preliminari, l-esponenti Marita Beck flimkien ma' uliedha għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma jistgħux jitqiesu bħala legittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri. Fl-appell kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 1990 fil-kawża Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et jingħad:*

> *"Huma leġittimi kontradditturi f'kawżi kostituzzjonali dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huma dawk li jkunu responsabbili għall-ksur u dawk li jistgħu jfornu rimedju. Inoltre fejn l-allegat ksur jikkonsisti fin-nuqqas ta' smiegħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji huma ukoll leġittimi kontraditturi dawk kollha li jkunu ħadu sehem fil-kawża."*

*Illi għalhekk, Marita Beck u uliedha ma jistgħux jiġu miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti bħala intimati sabiex iwieġbu għall-allegata vjolazzjoni li għaliha huma bl-ebda mod ma huma jew jistgħu ikunu responsabbli, u għalhekk lanqas ma jistgħu jiġu kkundannati jagħmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa fir-rigward ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem skond il-Konvenzjoni Ewropea.*

*b. Illi l-epsonenti tirritjeni illi għalkemm il-kawża ġiet intavolata okkorrendo għan-nom ta' uliedhom minuri, meta ġiet intavolata l-kawża u ċioe' fit-8 ta' Ġunju 2015, l-ulied kienu ġia' laħqu l-eta' maġġorenni.*

***2. Nuqqas ta' Eżawriment ta' Rimedju Ordinarju***

*Illi ir-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:*

> *"Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna.*
>
> *Iżda 1-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

*Illi r-rimedju li kellu r-rikorrent kien mhux biss li jintavola appell mill-kawża Marita Beck pro et noe vs Emanuel Beck (227/07JA) iżda wkoll li jieħu passi ulterjuri skond dak li teħtieġ il-liġi sabiex ikun hemm prosegwiment u deċiżjoni finali mill-Qrati. Għalkemm jirriżulta li r-rikorrent effettivament intavola appell mill-kawża imsemmija, dan 1-appell ġie dikjarat deżert mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Ġunju 2015 u dan unikament minħabba nuqqas tar-rikorrent, dan billi qal hu stess li ma ħallasx il-kawtela skond il-liġi. Għalhekk ir-rikorrent naqas milli juża rimedju ordinarju effettiv.*

*Illi proċeduri ta' natura kostituzzjonali m'humiex intiżi sabiex jissostitwixxu proċeduri ordinarji. Għaldaqstant huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante l-eżistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.*

***3. Allegazzjoni ta' Nuqqas ta' Imparzjalita' u Indipendenza tal-Imħallef bi ksur tad-9 artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta li kien hemm nuqqas ta' imparzjalita' tal-Imħallef li wassal għal vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-konvenuta tqis din l-allegazzjoni bħala waħda frivola u infondata billi l-argument li r-rikorrent ibbaża l-insinwazzjoni tiegħu kien sempliċiment għaliex l-Imħallef ċaħadlu kull rikors li għamel. Filwaqt li m'huwiex minnu li kull rikors li għamel ir-rikorrenti ġie miċħud, dan xorta waħda ma jfissirx li kien hemm xi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*L-Onorabbli Qorti dejjem tat l-opportunita' lill-partijiet issemgħu leħinhom, iżda t-talbiet tar-rikorrent, wara li pproduċa l-provi kollha li ħass li kellu jipproduċi u għamel is-sottomissjonijiet tiegħu tramite l-avukat ta' fiduċja tiegħu, ġew ġustament miċħuda kemm mill-Qorti tal-Ewwel Istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell kif hu evidenti fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Beck vs. Marita Beck numru 695/08JRM.*

*Kif inhu evidenti minn qari tas-sentenza li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Marzu 2014 joħroġ ċar li dik 1-Onorabbli Qorti ħadet kunsiderazzjoni tax-xhieda u tal-provi li ġew mressqa u ma hemm l-ebda ħjiel li d-deċiżjoni tal-imsemmija Qorti, jew il-Qorti tal-Appell, kienu ivvizzjati minn nuqqas ta' imparzjalita'.*

*Illi r-rikorrent ma ressaq l-ebda raġuni valida sabiex iwaqqa' l-meritu tal-kawżi preċedenti deċiżi kontrih u ma provdiex argumenti validi sabiex isostni l-allegazzjonijiet tiegħu.*

***4. Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent jilmenta ukoll li sofra vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja garantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) in kwantu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) naqset li tintervjeni*

*fl-interess tiegħu u tat-tfal tiegħu billi tat l-kura u l-kustodja tagħhom lill-konvenuta.*

*L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid is-segwenti:*

> *(1)Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *(2)Ma għandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawża Tysiac vs. Poland, il-Qorti Ewropeja qalet is-segwenti:*

> *"The essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary interference by public authorities. Any interference under the first paragraph of Article 8 must be justified in terms of the second paragraph, namely as being "in accordance with the law" and "necessary in a democratic society" for one or more of the legitimate aims listed therein."*

*Għalhekk l-indħil mill-awtorita' pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Art.8 u li tali interferenza tkunx ġustifikata (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Marzu 1988 fil-kawża "Olsson vs Sweden").*

*Rigward dan jingħad l-allegata l-mibegħda murija mit-tfal fil-konfront ta' missierhom żgur ma tirriżultax minħabba nuqqas jew interferenza tal-Qorti iżda minħabba l-imġieba u l-influwenza negattiva li kellu r-rikorrent fuq it-tfal tiegħu. Il-Qorti għandha s-setgħa li tiddetermina l-kura u l-kustodja tat-tfal fi proċeduri ta' separazzjoni billi tissalvagwardja primarjament l-aħjar interessi tat-tfal. F'dan il-każ ma hemmx dubju li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha inkluż l-opinjoni ta' professjonisti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha li tati l-kustodja tal-ulied lill-esponenti.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***5. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Ir-rikorrent qed jallega ksur tat-tgawdija paċifika tal-proprjeta' tiegħu garantit mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea peress li skond hu ġie mċaħħad u għadu qiegħed jiġi privat mid-dar "Edelwiss", Carini Street, Santa Venera, u sostna ukoll li l-marixxalli tal-Qorti, f'ċertu drabi ma sabux lill-esponenta d-dar.*

*Din l-allegazzjoni hi waħda frivola u infondata għaliex ir-rikorrent ma jgħidx kif allegatament ġie leż dan id-dritt, u l-fatt li l-esponenti ma nstabitx id-dar bl-ebda mod timplika l-vjolazzjoni tat-tgawdija paċifika tal-proprjeta'. Il-mertu dwar din il-kwistjoni jitqies li huwa wieħed eżawrjenti u f'dan is-sens il-konvenuta tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Beck vs. Maria sive Marita Beck deċiża fis- 6 ta' Frar 2015.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

***6. L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi r-rikorrent jallega ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex issolleva l-eċċezzjoni ta' rikuża għal darbtejn mingħajr suċċess u li lanqas iż-żewġ ilmenti lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma servew biex ir-rikorrrent jingħata rimedju.*

*Illi dwar il-kwistjoni tar-rikuża tal-Imħallef, il-liġi hija ċara dwar meta Imħallef għandu jirrikuża ruħu u dan ai termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent naqas milli jressaq raġuni valida sabiex 1-Imħallef jirrikuża ruħu mill-kawża u ma jistax jippretendi li 1-Imħallef jirrikuża sempliċiment għaliex id-deċiżjonijiet preċedenti ma kinux jogħġbuh.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-attur.*

4. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2017, ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn għarraf li, fil-mori tad-differiment, mietet l-intimata Marita Beck, u għalhekk kien qed iċedi l-proċeduri fil-konfront tagħha. (fol 205)

## Provi

5. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Beck**, ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2015. (fol 33)

6. Rat ix-xhieda ta' **Emanuel Sciriha**, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fid-19 ta' Jannar 2016 fejn eżebixxa kopja tar-rikors datat 14 ta' Mejju 2013 fl-atti tal-kawża 227/2007 JA, fl-ismijiet Marita Beck pro et noe vs Emanuel Beck. (fol 51)

7. Rat ix-xhieda ta' **Dr Veronica Ellul Federici**, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fit-3 ta' Marzu 2016 (fol 62) u rat ir-rapport minnha redatt fil-proċess 227/2007 JA. (fol 64)

8. Rat ix-xhieda ta' **Theresa Micallef**, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fl-14 ta' April 2016 (fol 82) u rat ir-rapport minnha redatt fil-proċess 227/2007 JA. (fol 84)

9. Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent fl-4 ta' Mejju 2016. (fol 91)

10. Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent fit-2 ta' Novembru 2016. (fol 122)

11. Rat ix-xhieda ta' **Marvic Farrugia**, Deputat Reġistratur, mogħtija fit-3 ta' Novembru 2016 fuq talba tar-rikorrent, flimkien ma' dokumentazzjoni minnha eżebita. (fol 139)

12. Rat ix-xhieda tal-**PS 1579 Johan Mifsud**, mogħtija fit-3 ta' Novembru 2016 fuq talba tar-rikorrent, flimkien ma' dokumentazzjoni minnu eżebita. (fol 141)

13. Rat ix-xhieda ta' **Rita Falzon**, Deputata assenjata mal-Qorti tal-Appell, mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2016. (fol 177)

14. Rat illi permezz ta' rikors ippreżentat minn Dr Tonio Azzopardi fl-1 ta' Frar 2017 u degretat dakinhar stess, l-okkju tal-kawża tbiddel sabiex jinqara kif riprodott aktar 'il fuq. (fol 185)

15. Rat ix-xhieda ta' l-**Ispettur Sandro Camilleri**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-1 ta' Frar 2017. (fol 188)

16. Rat ix-xhieda ta' **Dr Maxilene Ellul**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-1 ta' Frar 2017. (fol 190)

17. Rat ix-xhieda ta' **Paul Micallef**, Environment Health Practitioner fid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, prodott mir-rikorrent u mogħtija fl-4 ta' Marzu 2017. (fol 197)

18. Rat ix-xhieda ta' **Marita Beck**, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2017. (fol 204)

19. Rat ix-xhieda ta' l-**Imħallef Joseph Azzopardi**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fit-8 ta' Novmebru 2017. (fol 211)

20. Rat ix-xhieda ta' **Rita Spiteri Bailey**, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fis-17 ta' Jannar 2017. (fol 228)

21. Rat ix-xhieda ta' **Lorenzo Spiteri Bailey**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fis-17 ta' Jannar 2017. (fol 230)

22. Rat l-affidavit ta' **Rose Sammut** ippreżentat fil-15 ta' Frar 2018. (fol 235)

23. Rat l-affidavit ta' **Francis Formosa**, ippreżentat fil-15 ta' Frar 2018. (fol 236)

24. Rat ix-xhieda ta' **Dr Shaun Meli**, bħala Rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, mogħtija fis-17 ta' April 2018. (fol 242)

25. Rat ix-xhieda ta' **Stefania Calafato Testa,** Deputat Reġistratur assenjata mal-Qorti tal-Minorenni, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fid-29 ta' Mejju 2018 (fol 270) u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita. (fol 272)

26. Rat ix-xhieda tal-**PS 549 Reuben Pace**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fid-29 ta' Mejju 2018.

27. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fis-7 ta' Ottubru 2019.

28. Semgħet ix-xhieda ta' Emanuel Sciriha, Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Novembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 305)

29. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Priscilla Caruana**, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Novembru 2019 (fol 321) u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata (fol 326)

30. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Matthew Galea**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Novembru 2019 (fol 321) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 333)

31. Semgħet ix-xhieda ta' **Doris Vella Cassia**, Customer Care Officer fi ħdan l-Isptar Mater Dei, prodotta mir-rikorrenti u mogħtija fit-3 ta' Frar 2020 (fol 434) u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (fol 437)

32. Rat in-nota b'dokumenti eżebiti w ippreżentata mir-rikorrent fil-15 ta' Ġunju 2020. (fol 547)

33. Rat in-nota b'dokumenti eżebiti w ippreżentata mir-rikorrenti fit-18 ta' Ġunju 2020. (fol 557)

34. Semgħet ix-xhieda, permezz ta' video conferencing, ta' **Emanuel Beck**, mogħtija in eżami, fl-14 ta' Jannar 2021. (fol 594)

35. Rat illi fl-14 ta' Jannar 2021, ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

36. Rat illi ġew allegati quddiem dina l-Qorti l-atti kollha tal-proċedura 227/07 li kienet instemgħet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll l-istess proċedura illi kienet instemgħet quddiem il-Qorti tal-Appell.

37. Rat illi fil-25 ta' Frar 2021, l-intimat Avukat tal-Istat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

38. Rat illi fid-29 ta' Lulju 2021, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub.

39. Rat illi fit-2 ta' Frar 2022, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet intimati bil-miktub.

40. Semgħet it-trattazzjoni finali mitluba mir-rikorrent illi saret fil-5 ta' Lulju 2022, wara liema trattazzjoni, l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

41. Jirriżulta illi Emanuel sive Eman Beck, illi għalih qiegħed jidher bħala mandatarju speċjali Dr Tonio Azzopardi, għadda minn proċeduri ta' separazzjoni, minnu deskritti bħala travaljati, illi nbdew fl-24 ta' Mejju 2007, meta martu, il-mejta Marita Beck, bdiet il-proċeduri ta' separazzjoni kontra tiegħu, u li ntemmew fil-21 ta' Marzu 2014,

b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fejn it-talbiet tal-mara ġew milqugħa filwaqt illi dawk tar-rikorrent odjern ġew miċħuda w is-separazzjoni ġiet pronunzjata tort tar-rikorrent odjern.

42. Jirriżulta illi, fis-sentenza, il-kura w kustodja tal-minuri ngħatat lil Marita Beck fejn ir-rikorrent Eman Beck ġie ordnat iħallas manteniment għaż-żewġt itfal tiegħu sakemm jagħlqu tlieta u għoxrin sena jew sakemm jibqgħu jistudjaw, l-assi konjugali ġew maqsuma bejniethom filwaqt illi Marita Beck ingħatat id-dritt illi tibqa' tabita fid-dar matrimonjali, illi kienet propjeta' parafernali tar-rikorrent Eman Beck, għal sentejn wara d-deċiżjoni finali.

43. Jirriżulta illi Emanuel sive Eman Grech appella minn tali deċiżjoni, iżda l-appell ġie dikjarat deżert fl-1 ta' Ġunju 2015 hekk kif ma tħallsitx il-kawtela rikjesta mill-Liġi.

44. Jirriżulta illi, fit-8 ta' Ġunju 2015, ġimgħa wara li l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert, ir-rikorrent intavola l-proċeduri Kostituzzjonali odjerni fejn ilmenta dwar is-segwenti:

    a. Illi sofra ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq kif lilu garantit mill-**Artikolu 6** tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dana kemm fi stadju tal-Prim' Istanza kif ukoll fl-Appell.

    b. Illi sofra ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, kif lilu garantit mill-**Artikolu 8** tal-Konvenzjoni Ewropeja.

    c. Illi sofra ksur tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-propjeta' tiegħu, kif lilu garantit mill-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol** tal-Konvenzjoni Ewropeja

    d. Illi sofra ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv quddiem l-Awtoritajiet nazzjonali, kif lilu garantit mill-**Artikolu 13** tal-Konvenzjoni Ewropeja.

45. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna ġiet indirizzata lejn l-Avukat Ġenerali, sussegwentement assunta mill-Avukat tal-Istat, u martu, Marita Beck, iżda wara l-mewt ta' Marita Beck, l-atti kontra tagħha ġew ċeduti, u għalhekk din il-Qorti mhijiex ser tieħu konjizzjoni tad-difiża mqajjma mill-istess Marita Beck.

46. Jirriżulta illi l-Avukat Ġenerali, fid-difiża tiegħu, qajjem żewġ eċċezzjonijiet prinċipali:

    a. Eċċezzjoni Preliminari fis-sens illi Eman Beck kien naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju;

    b. Eċċezzjonijiet fil-Meritu, fis-sens illi ma kien hemm ksur ta' ebda mill-Artikoli tal-Konvenzjoni fuq imsemmija.

## Nuqqas ta' Eżawriment ta' Rimedju Ordinarju

47. Jirriżulta illi l-Avukat tal-Istat, fid-difiża inizjalment imressqa mill-Avukat Ġenerali u sussegwentement imħaddna minnu, jinsisti illi r-rikorrent Eman Beck ma kienx eżawrixxa r-rimedji kollha a disposizzjoni tiegħu, u dana peress illi jisħaq illi l-istess rikorrent kien appella mid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti, illi tifforma l-qofol tal-azzjoni

odjerna, iżda jirriżulta illi tali appell spiċċa mar deżert, peress illi r-rikorrent ma kienx ħallas il-kawtela dovuta.

48. Jirriżulta ili huwa opportun illi dina l-Qorti l-ewwel tqis tali difiża, li kienet anke imqajjma minn Marita Beck fid-difiża tagħha, liema difiża iżda ma hijiex ser titqies aktar stante illi l-proċeduri kontriha ġew irtirati wara l-mewt tagħha.

**Ikkunsidrat**

49. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-ilment ewlieni tar-rikorrent, rifless tul il-proċedimenti u provi kollha odjerni, kien illi l-Ewwel Qorti mxiet ħazin fil-konfront tiegħu u li ma kellux smiegħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali.

50. Ir-rikorrent jilmenta illi, riżultat tal-aġir tal-ġudikant illi kien qiegħed jippresjedi l-Ewwel Qorti, huwa sofra ksur tad-dritt għall-ħajja tal-familja, għax ma ngħatax il-kura u kustodja tat-tfal u t-tfal ma għadhomx ikellmuh, kif ukoll sofra ksur tad-dritt tal-propjeta', u dana għax il-fond parafernali tiegħu ngħata lill-martu Marita Beck, minn ftit wara li nbdew il-proċeduri, sa sentejn wara s-sentenza finali.

51. Ir-rikorrent jilmenta wkoll illi huwa ma ngħatax rimedju effettiv meta ż-żewġ talbiet tiegħu għal rikuża ġew rifjutati u meta ż-żewġ ilmenti quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma wasslu mkien.

52. Tul il-proċeduri kollha, għajr għal darba waħda biss, meta tella' lid-Deputat Reġistratur responsabbli, dak iż-żmien, għall-Appelli, il-provi kollha kienu ppernajati sabiex jiġġustifikaw l-ilment tiegħu illi l-Ewwel Qorti ma kinetx korretta fid-deċiżjoni tagħha u li tali deċiżjoni kienet qiegħda tivvjolalu d-drittijiet minnu pretiżi.

53. Jidher ċar, għalhekk, illi l-ilment tiegħu huwa bbażat essenzjalment, fuq l-aġir ta' l-ewwel Qorti w id-deċiżjoni finali tagħha.

54. Jirriżulta, iżda, illi r-rikorrent, għalkemm esprima riservi serji dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u saħansitra għamel varji allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet dwar il-ġudikant li ppresjeda tali Qorti, naqas milli jikkontesta tali deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, u dana peress illi, filwaqt illi huwa, bħala fatt, appella minn tali deċiżjoni, fil mument illi ġie biex iħallas il-kawtela illi kienet ta' €4,800, tali kawtela ma tħallsitx, u għalhekk l-appell tiegħu ġie dikjarat deżert.

55. Għalhekk, kwalsiasi kontestazzjoni w aggravi illi r-rikorrent seta' kellu dwar id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, baqgħu qatt ma ġew ikkonsidrati – għax ma ħallasx il-kawtela.

56. Madanakollu, permezz tal-proċeduri odjerni, illi għandhom jiġu kkunsidrati bħala proċeduri bbażati fuq kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali u mhux ibbażati fuq il-fatti tal-kawża tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jittenta jerġa' jiftaħ il-każ tiegħu, u saħansitra qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tordna illi l-appell tiegħu jerġa' jitqiegħed fuq il-lista tal-kawżi.

**Ikkunsidrat**

57. Ma għandu jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi, fl-1 ta' Ġunju 2015, l-appell tar-rikorrent ġie dikjarat deżert.

58. Ikun opportun, iżda, illi tingħata ħarsa lejn l-atti proċesswali tal-Appell, sabiex l-iter ta' kif seħħew l-affarijiet jiġi ben stabbilit.

a. Fl-4 ta' April 2014 ir-rikorrent intavola appell fil-Qorti tal-Appell. (fol 2)
b. Fit-30 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell fejn talab l-intervent tal-Qorti tal-Appell wara li saret korrezzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. (fol 42)
c. Fid-19 ta' Awissu 2014, l-intimata Marita Beck irrispondiet fejn oġġezzjonat għal dak mitlub. (fol 51)
d. Fit-22 ta' Awissu 2014, il-Qorti caħdet it-talba peress illi saħqet illi s-sentenza tal-Prim' Awla għadha mhux enforzabbli. (fol 52)
e. Fil-21 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent ippreżenta rikors sabiex il-Qorti tal-Appell tirrevoka d-digriet tal-Ewwel Qorti illi kienet eskludietu milli jgħix fid-dar matrimonjali u sabiex jiġi awtorizzat jinnotifika tali att lill-konsulent legali tagħha.
f. Fid-9 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent intavola rikors fejn talab illi jinnotifika lil Marita Beck tramite l-avukat w id-digriet tal-Qorti tal-Appell datat 22 ta' Jannar 2015 kien jgħid hekk: (fol 60)

> *"Peress illi d-data tal-appuntament tal-appell sser tkun fil-vicin, tirriserva li tipprovdi dwar ir-rikors wara li tisma' lill-partijiet jew lill-avukat tagħhom fl-ewwel udjenza."*

g. Fis-26 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Appell ffissat is-smiegħ tal-appell tar-rikorrent għas-27 ta' April 2015. (fol 67)
h. Sar tentattiv ta' notifika lil Dr Tonio Azzopardi fit-2 ta' Marzu 2015, illi kien fin-negattiv. (fol 65)
i. Fit-23 ta' Marzu 2015, daħlet ir-risposta tal-appell ta' Marita Beck, illi ġiet notifikata lil Dr Tonio Azzopardi fl-10 ta' April 2015.
j. Fis-**27 ta' April 2015**, meta ssejħet il-kawża, Dr Tonio Azzopardi ta' ruħu notifikat bl-avviż tas-smiegħ u bl-avviż għall-ħlas tal-kawtela. (fol 79)
k. Fis-27 ta' April 2015, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni għall-1 ta' Ġunju 2015 b'dan illi r-rikorrent "**ikollu żmien sal-25 ta' Mejju 2015 sabiex jiddepożita l-kawtela**". (fol 80)
l. Fis-**27 ta' Mejju 2015**, ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn jgħarraf li l-konsulent legali tiegħu, sal-21 ta' Mejju 2015, kien għadu taħt l-impressjoni illi ser jirċievi l-kawtela tal-Appell, u wara li emails tiegħu ma ġewx risposti, baqa' bla risposta u għalhekk ppreżenta rikors sabiex jingħata żmien biex jiddeposita l-kawtela u/jew jingħata l-benefiċċju tal-cautio juratoria. (fol 81)
m. Jirriżulta illi fl-**1 ta' Ġunju 2015**, l-Qorti tal-Appell, wara illi semgħet it-trattazzjoni li saret abbażi tar-rikors tas-27 ta' Mejju 2015, ċaħdet it-talba u ddikjarat l-appell deżert.

59. Jirriżulta ċar, mill-assjem tal-fatti kif riprodotti hawnhekk, illi r-rikorrent għamel varji atti anċillari quddiem il-Qorti tal-Appell, qabel ma ġiet appuntata għas-smiegħ u saħansitra ġie mgħarraf, f'Jannar 2015, illi daqt kien ser jiġi appuntat l-appell.

60. Jirriżulta ċar ukoll illi l-konsulent legali tar-rikorrent, Dr Tonio Azzopardi, fis-seduta tas-**27 ta' April 2015** "*deher Dr Tonio Azzopardi għall-appellant li ta ruħu b'notifikat bl-avviż tas-smiegħ u bl-avviż għall-ħlas tal-kawtela.*" (fol 79)

61. Jirriżulta ċar ukoll illi, minkejja illi l-Qorti tal-Appell ikkonċediet lir-rikorrent sal-25 ta' Mejju 2015 sabiex jippreżenta l-kawtela, dina baqgħet qatt ma saret.

62. Jirriżulta wkoll illi, minkejja dak ipprovdut fl-Artikolu 209 tal-Kap 12, fejn, wara li kawża tmur deżerta, l-liġi tipprovdi dritt kif ġej:

> *Iżda fuq talba tal-appellant, b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tmint (8) ijiem minn dakinhar li l-appell jiġi ddikjarat deżert, il-qorti għandha tordna li l-kawża tiġi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista biex tiġi mismugħa u maqtugħa, kemm-il darba l-appellant, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, jiddepożita l-ammont tal-ispejjeż li jkunu saru minħabba n-nuqqas tad-dehra tiegħu.*

Ir-rikorrent Emanuel Beck qatt ma ppreżenta tali rikors sabiex ikun jista' jikkontesta skond il-Liġi id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti illi dwarha huwa tant ħassu urtat.

63. Jirriżulta illi, minflok, fit-8 ta' Ġunju 2015, jigifieri qabel il-perjodu fuq indikat, ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

64. Il-Qorti tosserva illi proċeduri ta' natura Kostituzzjonali huma, minn natura tagħhom, proċeduri speċjali u straordinarji illi għandhom jittieħdu wara illi persuna tkun eżawriet ir-rimedji kollha illi kienu lilha disponibbli.

65. Fil-kawża **Mifsud Bonnici et vs Anthony Tabone et** (Cit Nru 296/2002TM) deċiza fl-24 ta' Settembru 2002, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar tali punt:

> *Din il-Qorti tifhem li rikors għal soluzzjoni kostituzzjonali għandu jkun "a measure of last resort" għax hu preżunt li ċ-ċittadin jista' u għandu jsib il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu fil-liġijiet tal-pajjiż. Id-drittijiet taċ-ċittadin huma mogħtija lilu jew mill-liġi naturali (li tagħti lil kull bniedem ċerti drittijiet fundamentali u inaljenabbli) jew mill-liġi tal-pajjiż stess. F'soċjeta' ideali, l-għoti ta' drittijiet huwa biżżejjed biex il-bniedem igawdi mill-istess drittijiet, u dan peress li jkun mistenni li kull membru ta' dik is-soċjeta' jirrispetta d-drittijiet ta' l-ieħor, u jagħti lil ħaddiehor dak li hu tiegħu. Peress li din is-soċjeta' idealistika, jekk kienet teżisti, ma tantx damet hekk teżisti, l-istess membri tas-soċjeta' ħolqu awtorita' li lilha ngħata l-poter tara li d-drittijiet ta' kull membru ta' dik is-soċjeta' jiġu onorati. Maż-żmien dik l-awtorita', żvilluppat fi Gvern, b'poter mhux biss biex jagħti drittijiet liċ-ċittadini, iżda anke biex joħloq mezzi biex dawk id-drittijiet jiġu protetti u enforzati. Lill-Gvern, ukoll, ġew mogħtija lilu poteri oħra, li, aktar ma għadda ż-żmien aktar saru ampji, komplessi u "far reaching". Hawn ukoll, f'soċjeta' ideali, il-Gvern juża dawn il-poteri tiegħu "fairly and equally", u fl-interess taċ-ċittadin u tas-soċjeta' innifisha. Peress li kull Gvern jaf li hu ma joperax fi stat ideali, meta l-Gvern ħa fuqu dawn il-poteri ħaseb ukoll*

*għall-possibilita' ta' abbuż u, fil-fatt, il-liġi ordinarja tipprovdi għall-kontroll tal-Amministrazzjoni b'rimedji appożiti.*

*Il-liġi ordinarja, għalhekk, kemm meta tagħti drittijiet u poteri liċ-ċittadin, kemm meta tagħti l-istess lill-Amministrazzjoni, tipprovdi, fiha nnifisha, soluzzjonijiet kemm biex dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu ġawduti, kif ukoll biex jiġu temperati f'kaz li dak li jkun jeċċedi l-limiti tad-dritt jew poter tiegħu. L-Ordinament Ġuridiku, fi kliem ieħor, għandu jitqies, hu preżunt u għandu jingħata l-opportunita' li jsolvi hu stess il-problemi li jinqalgħu bl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-poteri li hu stess jikkonferixxi, u hu biss meta dan l-Ordinament Ġuridiku jirriżulta li hu monk f'dawn is-soluzzjonijiet, li ċ-ċittadin jkun jista' jirrikorri għar-rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Rimedju taħt il-Kostituzzjoni hu, biex ngħidu hekk, ta' imbarazz għall-Gvern, għax ikun ifisser li jew abbuża bil-poteri tiegħu jew naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għad-dritt tiegħu, lilu konċessi jew bil-liġi naturali jew bil-liġi ta' l-istat stess. Għalhekk, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi, qabel ma dak li jkun iressaq ilment taħt il-Kostituzzjoni, irid l-ewwel "to exhaust all ordinary remedies", għax qabel ma jallega nuqqas da parti tal-Awtorita' Governattiva, irid l-ewwel, jipprova jieħu ir-rimedju tiegħu taħt il-liġi ordinarja li provdielu l-istess Gvern. Hu biss jekk jirriżulta li l-Gvern ma ipprovdhiex rimedju adegwat, li ċ-ċittadin jista' jakkuża lill-Awtorita' b'nuqqas b'kawża kostituzzjonali. M'għandux jiġi preżunt li l-Gvern naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għal-lanjanzi tiegħu; anzi Ordinament Ġuridiku sħiħ u komplut għandu jkun preżunt li jikkontjeni, fih innifsu, d-drittijiet u r-rimedji opportuni li jeħtieġ il-pubbliku soġġett għal dak l-Ordinament. Jekk ir-rimedju li jipprovdi l-Ordinament ma jkunx effettiv, allura, imbagħad, iċ-ċittadin jista' jakkuża lill-Gvern li naqas li jipprovdilu b'rimedju adegwat*

66. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent jilmenta illi l-kawża tiegħu ġiet deżerta unikament għax ma kienx ġie mgħarraf bil-kawtela illi kellha titħallas. Madanakollu, filwaqt illi jista' jkun illi, sad-data meta nħareġ l-avviż tas-smigħ, r-rikorrent seta' kien sprovvist minn kemm kienet il-kawtela, ċertament fis-27 ta' April 2015, meta deher għalih il-konsulent legali tiegħu, li għan-nom tiegħu laqa' l-avviż tas-smigħ, huwa kien ben a korrent tal-kawtela illi kellha titħallas, tant illi tniżżel illi ġie notifikat b'tali avviż għall-ħlas tal-kawtela.

67. Jirriżulta wkoll illi l-Qorti tal-Appell tat żmien xahar lir-rikorrent sabiex jiddeposita l-kawtela meħtieġa biex l-appell tiegħu jinstema', iżda r-rikorrent, flok ma ddeposita l-kawtela, ppreżenta rikors WARA illi kellha titħallas il-kawtela, li fiha kkontenda illi ma kienx mgħarraf b'kemm kienet il-kawtela w talab li jingħata żmien għall-ħlas tal-kawtela.

68. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi, anke WARA illi l-kawża ġiet dikjarata deżerta minħabba n-nuqqas tar-rikorrent, abbażi tal-artikolu 209 fuq kwotat, ir-rikorrent kellu kull dritt jerġa' jitlob sabiex l-appell jiġi riappuntat, u dan fi żmien tmint ijiem, b'dan illi huwa kellu jiddeposita l-kawtela – dana ma għamlux.

69. Hawnhekk, din il-Qorti tagħmel referenza għal dak dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali f'kawża b'fatti simili, fl-ismijiet **Emanuel Portelli et vs Kummissarju tat-Taxxi et**

deċiża fis-27 ta' Jannar 2021, fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-obbligu tar-rikorrent fil-proċeduri minnu mibdija:

*Huwa minnu illi l-appellanti ma kinux ġew notifikati personalment bl-avviż tas-smigħ tal-appell tagħhom, iżda jirriżulta ampjament illi l-avukat tagħhom kien jaf b'dan l-appell u kien filfatt deher quddiem il-Qorti aktar minn darba, iżda l-appellanti ma kinux ħadu ħsieb illi jinnotifikaw lir-Reġistru tal-Qorti, jew imqar lill-avukat tagħhom, bil-bidla fl-indirizz tagħhom, minkejja l-fatt illi dan kien fl-interess u obbligu tagħhom sabiex jagħmluha possibli li jiġu nnotifikati bis-smigħ tal-appell.*

*Il-Qorti tfakkar illi huwa d-dmir tal-partijiet f'kawża illi jieħdu ħsieb iħarsu l-interessi tagħhom fil-kawża u jekk huma għażlu illi ma jinformaw lil ħadd dwar il-bidla fl-indirizz tagħhom, imputet sibi, għaliex żgur illi ma jistgħux jippretendu illi l-appell kellu jibqa' pendenti indefinittivament. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Zubac v. Croatia (QEDB, 05/04/2018):*

*"... procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157)."*

70. Huwa ċar, fil-każ odjern, illi r-raġuni 'l għaliex l-appell tiegħu minn sentenza, illi huwa tant ħassu aggravat dwarha illi ntavola l-proċeduri odjerni, baqa' qatt ma nstema' kien għax ir-rikorrent ma għamilx dak meħtieġ sabiex din tinstema', billi ma ħallas ebda kawtela, la fil-ġurnata tas-smigħ tal-appell, lanqas fil-perjodu ta' xahar mogħti lilu mill-Qorti tal-Appell u wisq anqas fil-perjodu ta' tmint ijiem illi għaddew minn dakinhar illi l-appell ġie dikjarat deżert.

71. Għalhekk, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent, xjentement, għażel illi ma eżawriex ir-rimedji kollha tiegħu permezz tas-smieħ tal-aggravji tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha teżerċita s-setgħat tagħha kif miltub mir-rikorrent, peress illi r-rikorrent naqas li juża l-għodda li tagħtih il-liġi ordinarja – ossija illi jappella mid-deċiżjoni illi dwarha tant kellu ilmenti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' eżawriment ta' rimedju ordinarju imqajjem mill-intimat, u għalhekk:

**Tirrifjuta** illi teżerċita s-setgħat tagħha skond l-ewwel subartikolu tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress illi r-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat.

Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**